## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR GABRIEL MICALLEF, SPETTUR KEVIN PULIS) V. NASER KARIM HUSEYN (SP. 852011200) U YOUSEF ALHAJYOUSEF (KI. 107013A)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**9 ta' Diċembru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet segwenti maħruġa kontra l-imputat Naser Karim Huseyn:

**talli nhar is-07 ta' Dicembru, 2022 ghall- habta tad-21:00hrs u/jew fil-hinijiet ta` qabel, gewwa l-Belt Valletta**

1. Ikkometta serq ta` gizirana, liema serq huwa aggravat bil-hin, ghad-detriment ta' Shasha Micallef u/jew persuni jew entitajiet ohra;

2. **U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi,** volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex it-tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), ghad-detrimemt ta' Shasha Micallef u/jew persuni jew entitajiet ohra;

3. **U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi,** xjentement laqa` ghandhu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahhal biex ibieghhom jew imexxihom;

wara li rat l-imputazzjonijiet segwenti maħruġa kontra l-imputat Yousef Alhajyousef:

**talli nhar is-07 ta' Dicembru, 2022 ghall-habta tad-21:00hrs u/jew fil-hinijiet ta` qabel, gewwa l-Belt Valletta;**

4. **Irrenda ruhu komplici f'serq, liema serq jitqies li hu aggravat bil-hin, ghad-detriment ta' Shasha Micallef u/jew persuni jew entitajiet ohra;**

wara li rat li l-imputat Naser Karim Huseyn irreġistra ammissjoni għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti tagħtu ċans jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu sabiex jerġa jaħsibha,

wara li rat li l-imputat Yousef Alhajyousef irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti tagħtu ċans jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu sabiex jerġa jaħsibha,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Kevin Pulis, u
- tad-Difiża, mill-Avukati Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar u Dr. Joseph Calleja Parnis

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Sussegwentement għall-ammissjoni reġistrata fl-atti, il-Qorti qieset il-patteġjament informali li sar bejn l-avukati difensuri u l-Prosekuzzjoni.

2. Il-Qorti qieset ukoll li r-*res furtiva* ġiet irritornata lill-*parte civile* u li l-fedina penali tal-imputati hija waħda nadifa.

3. Finalment fir-rigward tal-imputat Yousef Alhajyousef il-Qorti qieset li huwa minorenni u għalhekk fir-rigward tiegħu ser tapplika tnaqqis tal-piena bi grad wieħed ai termini tal-Art. 37(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

**Wara li rat l-Art. 31, l-Art. 37(2), l-Art. 42, l-Art. 43, l-Art. 261(f), u l-Art. 325(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi:**

1. **ssib lill-imputat Naser Karim Huseyn ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontrih, tilliberah mit-tielet imputazzjoni u tikkundannah għal sentenzja karċerarja ta' sena liema sentenza qed tiġi sospiża għal sentejn bil-kundizzjoni li ma' jwettaqx reat ieħor matul dan il-perjodu, ai termini tal-Art. 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **ssib lill-imputat Yousef Alhajyousef ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih iżda bl-applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma' jwettaqx reat ieħor fi żmien sentejn.**

**Il-Qorti fissret lill-imputati l-konsegwenzi jekk huma jwettqu reat ieħor fil-perjodu tal-ordnijiet rispettivi.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |